MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Numru. 511/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**NAJMADDEN KHALED ALGLAL**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Najmadden Khaled Alglal, detentur tal-passaport Libjan numru 417859.

**Akkuzat talli:**

F'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta` Mejju, 2014 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta` filghodu (02:30am) f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta` natura gravi fil-gisem ta` Mohamed Elhameli;

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qajjem rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmel omicidju jew offiza fuq il-persuna ta` Mohamed Elhameli;

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabat arma, strument u ghodda ohra li tigi klassifikata bhala arma irregolari;

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied;

5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi tlajja filwaqt li zamm f'idejh jew fuq il-persuna tieghu xi kontenitur tal-hgieg (flixkun).

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija tipprovdi ghal garanzija ta` Mohamed Elhameli skont l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat mill-Prosekuzzjoni;

Wara li rat il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fedina penali netta tal-imputat;

Wara li rat l-Artikoli 216, 238 (a), 64 (2), 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll Bye-law San Giljan 52/1/2008 Art. 3.

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-pulizija, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Waqt illi l-Qorti terga` ttenni li l-ewwel akkuza hija sostituta ghat-tieni akkuza li hija ammessa, u waqt li l-akkuza numru erbgha u numru hamsa jigu assorbiti fl-akkuza numru tnejn stante li hawn si tratta ta` glieda u wara li l-Qorti rat ukoll l-ammissjoni fil-konfront tal-akkuza numru tlieta, tikkundannah ghal terminu ta` prigunerija ghal sitt (6) xhur izda tordna li dan il-perjodu ma jibdiex isehh sakemm fi zmien sentejn (2) mill-llum l-imputat jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm piena ta` prigunerija a tenur tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti qiedgha wkoll timmulta lill-imputat l-ammont ta` hamsa u sittin ewro (€65).

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------